Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 40/2017

Il-Pulizja

Spettur Sylvana Gafa'

Vs

Shanaia D'Amato

Illum 12 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Shanaia D'Amato detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 195700L, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Minorenni talli:

Fid-19 ta' Jannar, 2016 ghall-habta ta' 10.30hrs gewwa Dar Fejda, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venara:

(1) Kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;
(2) Qalet fil-pubbliu kliem oxxen jew indecenti;
(3) Volonrajament hassret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghall-anqas minn €23.29 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-artikoli 383 u 412C tal-Kap 9 ghall-harsien ta' Carmela Brincat u Maria Lourdes Sciberras.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Minorenni, tas-16 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 37, 325(1)(c) u 338(bb)(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mghoti kontestwalment. Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena u jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija. Il-Qorti ordnat in-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficju tal-probation.

Rat in-nota tad-denunzja tal-probation ppresentata fil-5 ta' Awwissu, 2016 fil-konfront ta' Shania Damato.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Minorenni tal-25 ta' Jannar, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lil Shania Damato hatja li naqset li thaser xi htiega tal-ordni tal-probation moghtija fil-konfron taghha mill-Qorti tal-Minorenni fis-16 ta' Marzu, 2016, ghazlet li titratta maghha ghar-reati li taghhom kienet instabet hatja dakinhar u kkundannatha xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Shania Damato, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni; u fl-eventwalita' li l-Qorti tikkonferma s-sentenza in toto, tvarjha billi tinfliggi piena skont il-ligi u li tkun aktar ragonevoli fic-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti:

Illi proceduralment, kellu jigi ppruvat illi dak li ssemma fid-denunzja tal-probation officer kien minnu. Illi huwa minnu illi xehdet il-probation officer innifisha, izda din stess qalet illi l-esponenti attendiet ghal xi sessjonijiet mal-psikologu, u allura ma fallietx is-sessjonijiet kollha.

Illi apparti dan, l-esponenti, kif anke qalet il-probation officer, ghandha problema ta' anger management illi tista' tigi indirizzata mhux tant bid-detenzjoni li ghaliha giet ikkundannata, izda permess ta' programm apposta li jindirizza din il-problema.

Illi fuq kollox l-espoenenti sabet tahdem fl-istabbiliment Mc Donalds u piena ta' detenzjoni ser tkun qed tfisser li titlef ix-xoghol hekk kif sabithu, b'tali mod li ma tkunx tista' tirregolarizza hajjitha permezz ta' introjtu regolari.

Ikkunsidrat,

Illi fil-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti, l-appellanti tishaq illi ma giex ippruvat dak allegat mill-Ufficjal tal-Probation fid-denunzja minnha maghmula tal-5 ta' Awwissu 2016 ghalkemm l-istess Ufficjal tal-Probation xehdet quddiem l-Ewwel Qorti. Di piu' tishaq illi l-problema li hija afflitta minnha u cioe' dik ta' nuqqas ta' kontroll fuq l-emozzjonijiet taghha, b'mod specjali ir-rabbja u l-aggressivita', ma hijiex ser tigi sewwa indirizzata bl-inkarcerazzjoni taghha. Illi tishaq il-bzonn ghar-rijabilitazzjoni taghha u mhux tad-detenzjoni taghha bhala riparazzjoni ghal dak li ghamlet. Illi inoltre billi illum hija sabet impjieg, l-inkarcerazzjoni taghha ser twassal sabiex hija titlef dan l-introjtu.

Illi minn ezami ta'l-atti tad-denunzja jidher illi l-appellanti ghandha problema serja ta' imgieba b'mod illi l-komportament taghha huwa hafna drabi ikkondizzjonat minn emozzjonijiet ta' rabbja u aggressivita' illi hija issib diffikulta biex trazzan. Mhux biss izda jidher illi l-appellanti mhijiex qed tirrealizza illi din il-problema qed thalli impatt

negattiv fuq il-hajja taghha u qed tirribella ukoll ghal kull forma ta' ghajnuna li qed tinghata lilha.

Illi fil-fatt mhux biss din il-Qorti, izda l-Ewwel Qorti qabilha ukoll ghamlet l-almu taghha biex tghin lill-appellanti teghleb dina l-kundizzjoni. Gew sahanistra innominati diversi esperti bhal psikologi u psikjatri biex ighinu lill-appellanti li, sfortunatament, ma hallew l-ebda rizultat pozittiv. Mhux biss l-appellanti tattendi ghall-appuntamenti taghha b'mod erratiku, izda ghadha ukoll instabbilita' f'hajjitha ghalkemm ghadha ta' eta' zghira hafna u tbiddel diversi drabi ir-residenzi fejn tkun qed tghix. Tul is-smigh ta' dan l-appell l-appellanti kienet tghix gewwa ir-residenza Jean Antide, imbaghad marret tghix man-nanna u ma' ommha, telqghet minn hemm u bdiet tghix mas-siehba taghha, biex illum regghet lura tghix ghand ommha. Illi sfortunatament illum l-appellanti saret maggorenni u allura ma ghadhiex taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

Finalment mix-xiehda tal-Ufficjal tal-Probation sahanistra johrog illi miz-zmien meta hija giet misjuba hatja tar-reati addebitati lilha f'dina l-kawza, hija irceviet Ordni ta' Probation ohra u sahansitra illum qed tiffacajja akkuzi ta' serq f'kaz iehor li zviluppa f'dan l-intervall. Dan ifisser illi l-ghajnuna li qed tinghata l-appellanti ma huwiex qieghed ihalli l-frott mixtieq u dan minhabba in-nuqqas minn naha tal-appellanti stess li tikkopera mal-professjonisti kollha involuti fir-rijabilitazzjoni taghha, b'mod specjali ma' Dr. Kevin Sammut Henwood li kien qed joffrielha sessjonijiet ta'anger management. Illi matul l-ahhar sena li din il-Qorti ippruvat twassal lill-appellanti sabiex tevita piena karcerarja billi tindirizza l-problemi taghha, jidher illi ma sar l-ebda progress, tant illi ma jidhirx illi hemm xi triq ohra li tista' twassal ghar-riforma tal-appellanti, hlief dik ipprospettata mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata.

Illi l-gustizzja restorattiva ma tfissirx biss illi persuna tinzamm 'il boghod mid-detenzjoni, ghaliex f'certu cirkostanzi d-detenzjoni tista' tissarraf f'riforma iktar milli piena ohra alternattiva ghaliha. Il-Qorti kellha opportunita tara kif f'iktar minn kaz wiehed persuni detenuti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jistghu bl-ghajnuna u l-

programmi li jigu offerti fil-habs, ghal min igharaf jahtaf dina l-opportunita, jirriformaw hajjithom xortawahda ghalkemm jinsabu detenuti. Il-Qorti allura f'dan il-kaz tqies illi l-ahhar tama li tezisti illi l-appellanti taghraf tindirizza l-problema fl-imgieba taghha huwa li taccetta l-ghajnuna li hija tista' tinghata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, li hija attrezzata biex tilqa' fi hdanha zghazagh ta'l-eta ta'l-appellanti fejn tigi indirizzata r-riforma taghhom tul il-perijodu ta' inkarcerazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata b'dan illi l-Qorti qed taghmel rakomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-appellanti tinzamm f'dik il-parti tal-Facilita riservata ghaz-zghazagh u li tinghata l-ghajnuna kollha li ghandha bzonn sabiex tindirizza l-problema taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Nadia Ciappara

Deputat Registratur